**Mozzjoni kif emendata fis-Seduta 307 tal-31 ta' Lulju 1979**

**191. MOZZJONI TA' SFIDUĊJA F'MR SPEAKER**

Billi din il-Kamra tapprova l-mod prudenti li bih mexxa Mr Speaker, rigward l-ittra tar-riżenja tal-Onor. Ġużè Abela minn Membru tagħha, meta Mr Speaker stenna, qabel ma qara lill-Kamra l-imsemmija ittra ta' riżenja, li kienet ukoll kondizzjonata ma' ittra oħra mibgħuta lill-Prim Ministru rigward ir-riżenja tal-Onor. Ġużè Abela minn Ministru;

Din il-Kamra tiddikjara l-fiduċja sħiħa tagħha f'Mr Speaker u tesprimi l-apprezzament tagħha għall-mod li bih hu mexa f'dan il-każ.

**31.07.1979**

**Mozzjoni oriġinali kif ippreżentata fil-11 ta' Lulju 1979.**

**191. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Eddie Fenech Adami, jipproponi:**

## MOZZJONI TA' SFIDUĊJA F'MR SPEAKER

Billi fis-seduta tal-Kamra tad-9 ta' Lulju, 1979, Mr Speaker qara ittra ta' riżenja mill-Kamra tad-Deputati mibgħuta lilu mill-Ministru Joseph Abela fit-18 ta' Ġunju, 1979;

U billi l-artikolu 56 (1) (b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li "Il-post ta' Membru tal-Parlament isir vakanti jekk jirriżenja mill-post tiegħu b'kitba minn idejh indirizzata lil Mr Speaker";

U billi l-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li r-riżenja ta' xi persuna maħtura, eletta jew xorta oħra magħżula għal xi kariġa mwaqqfa bl-istess Kostituzzjoni tibda sseħħ meta l-kitba li turi r-riżenja tiġi riċevuta mill-persuna jew awtorità li lilha tkun indirizzata;

U billi għalhekk Mr Speaker kien fid-dmir li jikkommunika lil din il-Kamra r-riżenja tal-Ministru Abela minn Membru tal-istess Kamra hekk kif huwa rċieva l-istess riżenja;

U billi Mr Speaker mhux biss ħeba mill-Kamra r-riżenja tal-Ministru Abela bejn it-18 ta' Ġunju u d-9 ta' Lulju, 1979, iżda wkoll ħalla li jingħataw risposti f'isem l-istess Ministru għall-interpellanzi magħmula minn Onor. Membri meta l-istess Ministru kien diġà rriżenja;

U billi dan l-aġir ta' Mr Speaker jikkostitwixxi nuqqas gravi tiegħu fil-qadi ta' dmirijietu skond il-Kostituzzjoni ta' Malta;

din il-Kamra m'għandhiex fiduċja aktar f'Mr Speaker.

11.07.1979

**Emenda ippreżentata mill-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament fis-seduta 306 tat-30 ta' Lulju 1979.**

**Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Brincat, jipproponi din l-emenda għall-mozzjoni:**

> Ħassar il-kliem kollu wara l-kelma "Billi" u qiegħed floku dan il-kliem "din il-Kamra tapprova l-mod prudenti li bih mexxa Mr Speaker, rigward l-ittra tar-riżenja tal-Onor. Ġużè Abela minn Membru tagħha, meta Mr Speaker stenna, qabel ma qara lill-Kamra l-imsemmija ittra ta' riżenja, li kienet ukoll kondizzjonata ma' ittra oħra mibgħuta lill-Prim Ministru rigward ir-riżenja tal-Onor. Ġużè Abela minn Ministru;
>
> Din il-Kamra tiddikjara l-fiduċja sħiħa tagħha f'Mr Speaker u tesprimi l-apprezzament tagħha għall-mod li bih hu mexa f'dan il-każ.

30.07.1979

*L-emenda għaddiet fis-Seduta 307.*

*Il-mozzjoni, kif emendata, għaddiet fis-Seduta 307.*